MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 794/2005

**Joseph Camilleri - ID 372357(M)**

**Vs**

**Galea Insurance Brokers Limited**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur talab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' seba' mitt lira Maltin (Lm700) u dan billi l-attur iddikjara li ghandu jiehu l-istess somma minghand is-socjeta' konvenuta fuq polza ta' assigurazzjoni ta' vettura Opel Astra bin-numru ta' registrazzjoni CLE 982 minhabba *claim* li l-istess attur ghamel fis-sena 2002 u liema socjeta' konvenuta ingustament irrifjutat li taghti din is-somma ta' seba' mitt lira Maltin (Lm700).

Ra r-Risposta tas-socjeta’ konvenuta li biha wiegbet illi t-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur, stante li s-socjeta’ konvenuta m’hijiex il-legittimu kontradittrici u dan ghaliex hija m’hijiex is-socjeta’ assigurattrici. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba attrici ghandha tigi michuda stante li m’hijiex dovuta kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Ra l-Affidavit ta’ Cleaven Camilleri.

Sema’ l-kontro-ezami ta’ l-istess Cleaven Camilleri u x-xhieda ta’ Joseph Camilleri, Rosanne Galea, Michael Mifsud u ta’ Gertrude Micallef.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ t-trattazzjoni ta’ Dr Mark Attard Montalto ghall-attur u ta’ Dr Carmel Chircop ghas-socjeta’ konvenuta.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-attur kien xtara l-karozza bin-numru ta’ registrazzjoni CLE 982 izda din kienet tinstaq minn ibnu Cleaven. L-attur inxurja l-karozza tramite s-servizzi tas-socjeta’ konvenuta u minn barra din il-karozza kellu wkoll karozza ohra w anki l-*business* tieghu assigurati. Ghall-ewwel sena l-karozza kienet giet assigurata b’*insured value* ta’ sebat elef u hames mitt lira Maltin (Lm7,500). Il-vertenza tirrigwarda r-*renewal*.

Fl-1 t’April, 2002 wasal iz-zmien ghar-*renewal* u hawnhekk insibu li hemm differenza fil-verzjonijiet bejn dak li qal l-attur u dak li qalu x-xhieda prodotti mis-socjeta’ konvenuta u dan billi l-attur jghid illi fir-*renewal* l-*insured value* kellu jkun ta’ sebat elef lira Maltin (Lm7,000) pero’ fic-certifikat ta’ l-assigurazzjoni mahrug mill-SMS bhala agent ta’ l-Ecclesiastical Insurance Office plc dan kien ta’ sitt elef u tlett mitt lira Maltin (Lm6,300). Gara illi f’Lulju l-vettura nsterqet u ghalhekk l-SMS nomine hallset lill-attur is-somma ta’ sitt elef mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm6,175) u cjoe’ l-*insured value less* l-*excess*.

L-attur qieghed jikkontendi li fil-fatt il-karozza kellha tigi assigurata versu l-valur ta’ sebat elef lira Maltin (Lm7,000) u ghalhekk, stante li s-socjeta’ konvenuta bhala *broker* kienet qieghda tagixxi ghan-nom tieghu, qieghed jippretendi li s-socjeta’ konvenuta ghandha thallas id-differenza ta’ seba’ mitt lira Maltin (Lm700).

Is-socjeta’ konvenuta qieghda tikkontendi illi fil-fatt ghall-bidu l-polza kienet sejra tigi *renewed* versu l-valur ta’ sebat elef lira Maltin (Lm7,000), izda li fil-fatt kien hemm problemi mas-socjeta’ assigurattrici w eventwalment, wara ntervent bejn l-attur u l-SMS, is-socjeta’ konvenuta qalet illi l-attur infurmaha illi l-vettura kellu jkollha *insured value* ta’ sitt elef u tlett mitt lira Maltin (Lm6,300).

Ix-xhieda tas-socjeta’ konvenuta jghidu illi fil-fatt huma hadu l-karti dwar ir-*renewal* fuq valur ta’ sebat elef lira Maltin (Lm7,000) lura, baghtu *fax* lill-SMS sabiex ibiddlu l-*insured value*, hareg certifikat ta’ l-assigurazzjoni gdid fuq valur ta’ sitt elef u tlett mitt lira Maltin (Lm6,300) u fil-fatt din intbaghtet lill-attur. Sussegwentement, f’Gunju, l-SMS baghtet *refund* lil Galea Insurance Brokers u Galea Insurance Brokers issostnu illi baghtu *credit note* lill-attur u dan billi kellu poloz ta’ assigurazzjoni ohra.

Il-kwistjoni kollha f’din il-kawza hija jekk verament kienx hemm ftehim bejn il-partijiet li l-*insured value* fir-*renewal* ikun ta’ sebat elef lira Maltin (Lm7,000) jew ta’ sitt elef u tlett mitt lira Maltin (Lm6,300). Fil-process a fol 14 hemm dokument esebit li juri illi l-attur hallas tlett mija w erba’ liri Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm304.85c) bhala *renewal premium* biex il-polza tigi rinovata bl-*insured value* ghal sebat elef lira Maltin (Lm7,000). Mela hawnhekk ghandna presenzjoni *juris tantum* favur l-attur stante li jirrizulta minghajr kontestazzjoni illi dan il-*premium* thallas u sta’ ghas-socjeta’ konvenuta li tirribattiha.

Is-socjeta’ konvenuta qieghda tikkontendi illi l-attur kien taha struzzjonijiet li l-*insured value* jkun ta’ sitt elef u tlett mitt lira Maltin (Lm6,300) izda fuq dan l-aspett hemm kuntrast qawwi bejn il-partijiet u fid-dawl ta’ tali kunflitt, it-

Tribunal m'ghandux alternattiva hlief li jistrieh fuq id-dokument C a fol 14 tal-process. L-attur jghid illi huwa ma kien jaf xejn li kien hemm bdil fl-*insured value* minn sebat elef lira Maltin (Lm7,000) ghal sitt elef u tlett mitt lira Maltin (Lm6,300), u li sar jaf biss l-ewwel darba wara li saret il-*claim* dwar is-serqa. Huwa jichad li rcieva *credit note*.

Da parti tas-socjeta' konvenuta huma jghidu illi meta kienu ser igeddu l-polza ta' l-assigurazzjoni, l-SMS sabu diffikulta' ghaliex kien hemm *claim* ohra mill-attur jew mit-tifel tieghu u jghidu wkoll li l-attur cempel lil SMS u kien l-istess attur li rranga maghhom li jgeddu l-polza bil-patt li l-*insured value* jinzel ghal sitt elef u tlett mitt lira Maltin (Lm6,300). L-attur jichad li qatt ghamel din il-konversazzjoni.

Mill-banda l-ohra, fil-files ta' l-SMS jirrizulta illi meta kien ser isir ir-*renewal*, huma lestew il-karti kollha biex ir-*renewal* tkun ghal sebat elef lira Maltin (Lm7,000) izda l-originali u l-kopja baqghu fil-file ghaliex ma kienux lahqu baghtuhom u fil-fatt ftit granet wara rcevew *fax* minghand is-socjeta' konvenuta biex l-*insured value* jinzel ghal sitt elef u tlett mitt lira Maltin (Lm6,300) u c-certifikat li baghtu kien fuq dan il-valur ridott.

Cleaven Camilleri jsostni illi fil-karozza kellu dokumentazzjoni li turi li r-*renewal* tal-karozza kienet saret fuq bazi ta' sebat elef lira Maltin (Lm7,000) u li meta l-karozza nsterqet tali dokumentazzjoni nsteraq maghha pero' t-Tribunal ma tantx huwa konvint li verament kien hemm certifikat f'dan is-sens. Iktar huwa probabbli li kellu l-*quotation* imhallas fuq imsemmi (Dok. C).

Is-socjeta' konvenuta ssemmi li baghtet *credit note* lill-attur u l-attur cahad li qatt ircieva tali *credit note*. Is-socjeta' konvenuta weghdet li ser tesebixxi tali *credit note* izda naqset milli taghmel dan. Il-*credit note* jekk intbaghtet, intbaghtet qabel id-data tas-serqa u certament, kieku verament intbaghtet *credit note*, l-attur kien ikun jaf biha w allura ma jkunx jista' jghid li fil-mument tas-serqa ma kienx jaf li kien hemm riduzzjoni fil-valur. Din il-prova ma tressqitx. Sfortunatament il-konvenuti ma hargux

*invoice* gdid tar-*renewal* bil-valur ta' sitt elef u tlett mitt lira Maltin (Lm6,300) u talbu konferma bil-miktub minghand l-attur, kif kienu ghamlu meta sar dokument C.
Ghalhekk dan it-Tribunal m'ghandux alternattiva hlief fic-cirkostanzi fuq imsemmija, joqghod fuq dokument C a fol 14 tal-process u jasal ghall-konkluzjoni li l-konvenut ma ressaqx provi sufficjenti biex jirribatti l-effetti ta' dan id-dokument.

Dan kollu ma jfissirx pero' illi t-talba attrici kif dedotta ghandha tigi milqugha u dan billi anki kieku l-*insured value* kien ta' sebat elef lira Maltin (Lm7,000) mhux bilfors il-*claim* kienet tigi accettata fuq tali valur. Mill-atti jirrizulta mhux kontradett illi fil-mument li giet ir-*renewal* tal-vettura, l-*insured book value* kien ta' sitt elef u tlett mitt lira Maltin (Lm6,300).

Kieku l-vettura kienet assigurata versu l-valur ta' sebat elef lira Maltin (Lm7,000), fil-kaz partikolari xorta kien ikollu juri li l-*market value* tal-vettura fil-mument tas-serqa kien ta' sebat elef lira Maltin (Lm7,000) u dan billi skond il-ktieb dwar valuri approssimattivi ta' vetturi ghall-fini ta' assigurazzjoni l-vettura kienet tiswa' sitt elef u tlett mitt lira Maltin (Lm6,300). Hadd ma semma' li l-vettura ma nzammitx fi stat tajjeb. Anzi jinghad li l-vettura kien fiha hafna *extras.*

Minbarra dan it-Tribunal huwa konvint li l-attur verament ircieva c-certifikat tar-*renewal* fuq valur ta' sitt elef u tlett mitt lira Maltin (Lm6,300) izda huwa probabbli li hu ma tax kaz wisq ghax ma kellux ghalfejn jiddubita li kien hemm xi differenza bejn dak verbalment pattwit u dak miktub. Kieku l-attur ha l-briga w ezamina d-dokumenti certament ma kienetx tqum il-vertenza.

Illi ghalhekk fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz it-Tribunal ihoss li jkun gust u ekwu illi t-talba attrici ghandha tigi akkolta fis-somma ta' nofs dak li qed jigi mitlub, jigifieri fis-somma ta' tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm350) u ghandu jkun hemm rifless opportun fl-ispejjez tal-kawza.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta’ tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm350) bl-interessi mid-data tas-sentenza. L-ispejjez tal-kawza jkunu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------